# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2022**

**Numru 2**

**Rikors kostituzzjonali numru 20/2019/1 TA**

**Avukat Dr. Cedric Mifsud f'isem l-assenti**
**Yuri Sergeevich Danilov**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat**

1. Dan huwa appell tal-Avukat tal-Istat minn sentenza mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2021 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li sabet ksur tal-jedd tal-attur għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, imħares fl-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] u kkundannat lill-appellant iħallas lill-

attur danni ta' erbat elef euro (€4,000) bħala kumpens morali. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Fit-23 ta' Frar 2016 l-attur fetaħ kawża fl-ismijiet <u>Av. Cedric Mifsud *noe v.* l-Aġenzija *Identità Malta et*</u> (rik. 144/2016) għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv wara li l-Aġenzija *Identità Malta* ["l-Aġenzija"] ċaħdet talba tiegħu biex jingħata ċittadinanza Maltija permezz tal-programm tal-investitur individwali. Dik il-kawża nqatgħet llum mill-Qorti tal-Appell.

3. L-attur issa qiegħed jilmenta illi t-tul ta' żmien li ttieħed sabiex tinqata' dik il-kawża huwa wisq. Għalhekk fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li t-tul ta' żmien li qiegħed jittieħed sabiex jiġu konklużi l-proċeduri … huwa irraġonevoli;
>
> »2. tiddikjara li tali teħid ta' żmien jammonta għal vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-liġi f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> »3. taghti dak ir-rimedju li jidhrilha xieraq u opportun sabiex jin-dirizzaw tali vjolazzjoni b'mod effettiv fosthom li tillikwida dak il-kumpens ġust.«

4. Bis-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2021 li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti laqgħet it-talbiet tal-attur, sabet ksur tad-dritt tal-attur imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-art. 39 tal-Kostituzzjoni, ordnat illi l-appell fil-kawża li fiha seħħ id-dewmien jiġi appuntat sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2021, u kkundannat lill-konvenut iħallas erbat elef euro (€4,000) bħala kumpens morali, flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż.

5. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Id-*dies a quo* tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien f'dawn il-proċeduri ċivili lmentati mir-rikorrenti bdew jiddekorru mid-data li fiha ġew

istitwiti, jiġifieri t-23 ta' Frar 2016. … … … id-*dies ad quem* ta' dan il-kejl taż-żmien rilevanti huwa l-mument fejn l-ilment in disputa jkun ġie solvut b'sentenza li tkun definittiva, finali u esekwita … … …

»Fil-mori ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali, il-proċeduri ċivili hawn attakati ġew konklużi b'sentenza mogħtija mil-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-25 ta' Ġunju 2020. Madanakollu, il-proċeduri hawn attakkati għadhom *sub judice* u għalhekk mhux finali … … … għaliex … … … ir-rikorrenti issottometta appell min din is-sentenza. Dan l-appell ġie intavolat fit-13 ta' Lulju 2020 u għadu ma ġiex appuntat u li x'aktarx mhux ser ikun hekk appuntat sakemm tiġi biex tingħata din is-sentenza f'dawn il-proċeduri. Isegwi għalhekk li f'dan il-każ iż-żmien rilevanti għadu qed jitkejjel u, kif ġà ingħad, għandu jibqa' hekk jitkejjel sal-esekuzzjoni ta' sentenza finali u definittiva tal-vertenza in kwistjoni u li sal-lum din id-data ma tistax tkun magħrufa.

»Peress li l-proċeduri hawn ilmentati għadhom ma ġewx hekk solvuti, l-qorti se tqis id-data li fiha qed tingħata din is-sentenza, jiġifieri d-19 ta' Ottubru 2021, bħala d-*dies ad quem* ta' dan il-kejl ta' żmien rilevanti *ai fini* ta' dawn il-proceduri. B'dana ma jfissirx li din il-qorti ma hiex ser ukoll tieħu qies għaż-żmien indeterminat li fadal biex l-ilmenti tar-rikorrent fil-proċeduri l-oħrajn jiġu definittivament deċiżi. Il-qorti tfakkar ukoll li l-appell sar minn żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari u għalhekk, mingħajr ma din qorti tidħol fil-mertu tal-kawża l-oħra, ma hux eskluż li, jekk dan l-appell jintlaqa', iż-żmien li ser tibqa' pendenti dik il-kawża ser ikompli jittawwal indefinittivament. Din l-osservazzjoni qed issir indipendentement li dawk il-proċeduri ċivili, s'issa, ilhom għaddejjin għal żmien ħames snin, seba' xhur u sitta u għoxrin ġurnata.

»… … …

»Bħala qorti tal-ewwel istanza, l-Qorti Ċivili Prim' Awla damet mit-23 ta' Frar 2016 sal-25 ta' Ġunju 2020, jiġifieri erba' snin, erba' xhur u jumejn, sabiex iddeterminat żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari. Dan permezz ta' żewġ sentenzi:

»1. sentenza *in parte* mogħtija fis-7 ta' Lulju 2016 fejn laqgħet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u sabet li l-azzjoni ma tiswiex kontra l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għax ma saritx ittra uffiċjali, bi ksur tal-artkolu 460(1) ta-Kap. 12 iżda tiswa fil-konfront tal-Aġenzija *Identità Malta*; u

»2. sentenza definittiva mogħtija fil-25 ta' Ġunju 2020 fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Aġenzija *Identità Malta* li mhix leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri kif magħmula u għalhekk ċaħdet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż.

»Kwantu jirrigwarda d-deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni, il-qorti mxiet b'ħeffa li kien mistħoqq. Iżda dwar it-tieni eċċezzjoni l-Qorti Ċivili Prim' Awla ħadet id-doppju tal-massimu ta' sentejn żmien li fih il-QEDB ġeneralment qieset bħala raġonevoli fejn il-każijiet ma jkunux kumplessi. … … …

»Din il-qorti tifhem ukoll li ġieli dawn il-qrati jippermettu ċertu dewmien għaliex ikunu jridu jagħtu kemm jista' jkun possibbli ħin sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jippreżentaw il-każ tagħhom. Però, bil-kawtela abbundanti li ġieli jieħdu sabiex ikun osservat il-prinċipju tal-*audi alteram partem*, ikunu min-naħa l-oħra qegħdin jieħdu sogru li jkun

hemm ksur tal-prinċipju l-ieħor ta' smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli. Fost oħrajn, diversi differimenti mitluba minn xi parti li ma tkunx ressqet provi f'numru ta' seduti. Minkejja din it-tolleranza b'kull intenzjoni tajba, id-dewmien taż-żmien fi proċeduri huwa fattur li fil-kamp kostituzzjonali jrid ikun meqjus minn lenti oġġettiva u dan fuq stregwa tat-tagħlim mhux biss ta' dawn il-qrati imma dak tal-QEDB.

»Din il-qorti tagħraf ukoll li l-mertu tal-każ hawn ilmentat, jiġifieri l-istħarriġ ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni għal ċittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni permezz tal-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta *ai termini* tar-Regolamenti fl-A.L.47/2014, għandu jitqies legalment kumpless minħabba nuqqas ta' preċedent fuq livell nazzjonali. Isegwi li każ bħal dan jista' jirrikjedi iktar żmien minn dak ġeneralment mistenni sabiex jiġi konkluż.

»… … …

»… … … jibqa' dejjem inkombenti fuq l-awtoritajiet nazzjonali li l-proċediment jiġi stradat b'diliġenza, għalkemm, f'dan il-każ, mhux b'diliġenza speċjali. Dan peress li s-sinjifikat tal-eżitu għar-rikorrenti, billi ma hemmx fatturi partikolari li jinvolvuh, ma joħloqx ħtieġa li dan il-proċediment jiġi indirizzat bi priorità u b'urġenza. Madanakollu, l-fatt li l-proċediment ma jeħtieġx li jitmexxa b'diliġenza speċjali ċertament ma jeżonerax lill-qorti milli tonora r-rekwiżit impost bl-artikolu 6§1 billi tiżgura s-smigħ xieraq tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli.

»… … … sabiex dewmien ma jiġix attribwibbli lill-istat, il-kondotta tal-qorti, bħala awtorità kompetenti li fuqha l-istat huwa responsabbli, trid tkun waħda kapaċi li tiggarantixxi lil kulħadd id-dritt għal deċiżjoni finali fuq kwistjonijiet ta' drittijiet u obbligi ċivili fi żmien raġonevoli.

»… … …

»… … … il-qorti tosserva li l-proċeduri hawn ilmentati kienu milquta minn kważi sena ta' dewmien, speċifikatament mill-20 ta' Ġunju 2017 sal-4 ta' Ġunju 2018, preċiżament konsegwenza ta' nuqqas ta' attendenza minn żewġ xhieda partikolari. Dawn ix-xhieda jokkupaw kariga pubblika li, ironikament, jirrappreżentaw l-istess stat li fuqu jaqa' l-obbligu sanċit fl-artikolu 6§1 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li jħares is-saltna tad-dritt b'sistema effiċjenti t'amministrazzjoni tal-ġustizzja.

»Mill-analiżi tal-kondotta tal-ewwel qorti f'dan ir-rigward, jirriżulta li, fil-każ tal-ewwel ministru li kellu jitla' jixhed, hija ma baqgħetx daqshekk indifferenti għan-nuqqas tiegħu: meta rat li n-notifka tal-ewwel ministru ma saritx korrettament, hija ordnat li tinħareġ taħrika oħra a spejjeż tar-reġistratur, u tat differiment ta' 4 xhur (ara verbal 20 ta' Ġunju 2017 *a fol.* 164). Meta l-ministru baqa' ma deherx, hija ordnat komunika lilu tal-verbal fejn issolleċitatu biex jidher għas-seduta li tmiss li kienet għax-xahar ta' wara (ara verbal 18 ta' Ottubru 2017 *a fol.* 165). Il-ministru in kwistjoni fil-fatt deher u xehed dikinhar (ara verbal 20 ta' Novembru 2017 *a fol.* 166).

»Fir-rigward tat-tieni ministru iżda joħroġ li, għalkemm il-qorti ċaħditlu t-talba sabiex jiġi ordnat li jkun meħlus mill-obbligu li jixhed fuq l-applikazzjoni tar-rikorrenti (ara digriet *a fol.* 200), hija ma kinitx daqstant admanti li ġġiegħlu jaqdi dan l-obbligu b'mod attiv u fi żmien raġonevoli. Il-qorti ghalhekk stiednet lir-rikorrenti jerġa' jħarrku għas-

seduta li jmiss "u f'kaz li l-ministru ser ikun imsiefer jinforma lill-qorti bid-dati li ser ikun Malta biex fejn ikun possibbbli l-qorti takkomodah" (verbal 16 ta' Mejju 2018 *fol.* 201). Mill-bqija l-qorti laqgħet it-talba tiegħu għal differiment (ara digriet 7 ta' Frar 2018 *a fol.* 189) u baqgħet tiddiferixxi l-kawża, anke b'ordni tagħha stess, sakemm dan xehed fl-4 ta' Ġunju 2018 (ara verbali 11 ta' Jannar 2017 *a fol.* 177, 14 ta' Frar 2018 *a fol.* 184, 5 ta' Marzu 2018 *a fol.* 185, 12 ta' April 2018 *a fol.* 195, 16 ta' Mejju 2018 *a fol.* 201 u 4 ta' Ġunju 2018 *a fol.* 209).

»Jirriżulta ukoll … … … li l-proċeduri baqgħu jiġu milquta minn iktar dewmien. Dan konsegwenza ta' differimenti inutli magħmula waqt l-istadju tal-provi tal-konvenut l-Aġenzija *Identità Malta*. Dawn saru prinċipalment għar-raġunijiet segwenti.

»1. fuq talba tad-difiża tal-konvenut (verbali 4 ta' Ottubru 2018 *a fol.* 223; 5 ta' Novembru 2019);

»2. l-istess difiża naqset milli tidher (verbali 8 ta' Novembru 2018 *a fol.* 224; 8 ta' Ottubru 2019); u

»3. nuqqas ta' attendenza tax-xhieda Jonathan Cardona u l-ministru li, minkejja li reġa' hekk ittella' jixhed fuq ordni tal-qorti, baqa' qatt ma tela' (verbal 6 ta' Mejju 2019, 6 ta' Ġunju 2019).

»Jirriżulta mill-istess verbali li, hawn ukoll, l-ewwel qorti ftit li xejn ħadet azzjoni biex ma tippermetti lil ħadd mill-partijiet, inklużi d-difensuri, li jabbużaw mill-proċess ġudizzjarju u fl-istess waqt tiżgura li dawn jaqdu dmirhom fi żmien raġonevoli. Hija ma żammitx ma' dak dikjarat minnha fil-verbal tal-14 ta' Jannar 2019 (*fol.* 228) li "tiddiferixxi l-kawża għall-aħħar darba għall-provi kollha tal-Aġenzija *Identità Malta* għat-13 ta' Frar 2019". Minflok, baqgħet tiddiferixxi l-każ għal provi konvenut għal żmien sena u xahar ieħor, preċiżament sat-3 ta' Marzu 2020, minkejja dikjarazzjonijiet oħra f'dan is-sens (ara verbal 5 ta' Novembru 2019).

»Ma jistax jingħad għalhekk li l-qorti kienet konformi mar-rekwiżit kostituzzjonali u konvenzjonali billi tiżgura s-smigħ xieraq tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli fil-proċeduri hawn ilmentati. Għalhekk, magħdud ma' dak kollu osservat aktar 'il fuq, din il-qorti għalhekk ser tkun qed tilqa' l-ewwel talba attriċi safejn tirrigwarda dikjarazzjoni għal-leżjoni tal-jedd tar-rikorrenti taħt l-artikolu konvenzjonali u kostituzzjonali. Għaldaqstant sejra tgħaddi biex tqis it-talbiet rimedjali.

»… … …

»… … … jekk rimedju kostituzzjonali jkun idoneju biex jaġevola ċ-ċelerità tal-proċeduri, dan għandu jitqies bħala wieħed li jissodisfa l-prinċipju tal-effettività u l-effikaċja tar-rimedju li jixraq li jingħata sabiex l-individwu ma jibqax fi stat indeterminat fil-ksur tad-dritt fundamentali tiegħu. Il-fini uniku ta' azzjoni kostituzzjonali dwar ksur fundamentali tal-bniedem huwa dak li jitneħħa dak il-ksur. Bil-ksur għadu hemm, ebda dikjarazzjoni jew kumpens ma jiswa. L-individwu jrid ikun rintegrat fid-drittijiet lilu mogħtija mid-dritt naturali.

»Filwaqt li rimedju preventiv huwa preferibbli, rimedju kompensatorju jista' xorta jitqies bħala effettiv meta l-proċedimenti jkunu diġà eċċessivament twal u m'hemm l-ebda rimedju preventiv disponibbli … … …

»… … …

»Il-qorti … … … tqis li, f'dan il-każ fejn il-proċeduri ilmentati għadhom ma humiex konklużi, għandha wkoll tipprovdi għal rimedju preventiv sabiex tħaffef dawn il-proċeduri u ma tħallix li dawn isiru twal wisq. Il-qorti tħoss ukoll li fiċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha ikun ġust li tikkumbina dan ir-rimedju ma' dak pekunjaraju. Però, fil-każ tal-aħħar, il-qorti qed tieħu wkoll inkonsiderazzjoni l-mumenti ta' passività tar-rikorrent.«

6. Il-konvenut appella b'rikors tat-8 ta' Novembru 2021 li l-attur wieġeb għalih fid-29 ta' Novembru 2021. L-aggravji tal-appell huma tnejn:

»1. L-ewwel onorabbli qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti meta sabet li t-tul ta' żmien li qiegħed jittieħed sabiex jiġu konklużi l-proċeduri huwa irraġonevoli u meta sabet leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli; u

»(2) … … … mingħajr preġudizzju … … … ma kellux jiġi likwidat kumpens morali ta' erbat elef euro (€4,000) u, fi kwalunkwe każ, l-ammont huwa eċċessiv.«

7. Kompla fisser l-ewwel aggravju hekk:

»Mill-atti proċesswali tal-kawża bin-numru 144/2016 jirriżulta li fl-ewwel seduta datata l-15 ta' Marzu tas-sena 2016 il-konvenuti f'dik il-kawża infurmaw lill-qorti li xtaqu jipprezentaw eċċezzjoni ulterjuri fis-sens li ma ġietx preżentata ittra uffiċċjali fil-konfront tal-ministru kif irid l-artikolu 460 tal-Kapitolu 12. Il-partijiet kienu ngħataw żmien biex jirrispondu għal dik it-talba bil-miktub. Fis-seduta li kien imiss, u *cioè* dik tal-21 ta' April 2016, l-onorabbli qorti kienet tat digriet fejn il-qorti laqgħet it-talba tal-intimati biex iressqu eċċezzjoni ulterjuri. Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2016, wara li tressqu l-provi dwar l-eċċezzjoni ulterjuri preliminari, il-qorti tat żmien lill-partijiet sabiex iressqu noti ta' sottomissjonijiet u l-kawża giet differita għas-sentenza għas-7 ta' Lulju 2016.

»Fil-fatt fis-7 ta' Lulju 2016 ingħatat sentenza *in parte* fejn il-qorti kienet laqgħet l-eċċezzjoni ulterjuri u sabet li l-azzjoni ma tiswiex kontra l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għax saret bi ksur tal-artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 iżda tiswa fil-konfront tal-Aġenzija *Identità Malta*, spejjeż għall-attur *nomine*.

»Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2016 l-onorabbli qorti qieset li għandha tisma' l-provi fuq l-eċċezzjoni jekk l-Aġenzija *Identità Malta* hiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Fl-10 ta' Jannar 2017 instemgħu l-provi, u f'dan ii-verbal ġie dikjarat li "Peress illi d-difensur tal-Aġenzija *Identità Malta* oppona għal kwalsiasi domanda magħmula lix-xhud li tirrigwarda l-mertu speċifiku tal-azzjoni fejn jirrigwarda kwalsiasi informazzjoni rigward l-applikazzjoni li saret u kull ħaġa oħra konnessa mal-istess, il-qorti qed tagħti gimagħtejn żmien biex id-difensur, b'nota qasira, jissostanzja din it-talba b'notifika lid-difensur tal-kontro-parti u qiegħda tagħti l-istess zmien lid-difensur tar-rikorrenti biex jirispondi". Għalhekk jirriżulta li kien tqajjem punt proċedurali dwar

il-mistoqsijiet li setgħu jsiru lix-xhud u kien għalhekk li l-qorti tat żmien lill-partijiet sabiex iressqu nota.

»Jirriżulta li wara li ġiet ippreżentata n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Aġenzija *Identità Malta*, ir-rikorrenti l-Avukat Cedric Mifsud *noe* talab estensjoni sabiex iressaq in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu u *cioè* talab "sad-ditferiment li jmiss u *cioè* sas-16 ta' Frar 2017 sabiex jissottometti n-nota bl-argumenti legali fuq għaliex is-Sur Joe Vella Bonnici għandu jixhed quddiem dina l-onorabbli qorti". Il-qorti laqgħet dik it-talba.

»Il-qorti, fis-seduta tas-16 ta' Frar 2017, tat provediment fejn ordnat li "sakemm ma titqiesx in-natura tad-domandi magħmula lix-xhud ma jistax jingħad *a priori* li r-risposta hi waħda privileġġjata u għalhekk tordna x-xhud li jirrispondi għad-domandi li jsirulu u jittieħed kont tan-natura tad-domanda qabel ma jiġi deċiż jekk ir-risposta hix waħda eżentata jew le".

»Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2017 ġie vverbalizat li "Billi deher li kien hemm malintiż jekk kellux jitla' jixhed Joe Vella Bonnici, *chairman* tal-aġenzija, jew kellux jiġi mħarrek, u billi l-istess xhud mhux preżenti", il-kawża ġiet differita sabiex jixhed Joe Vella Bonnici.

»Għalhekk ċertament li sa dak l-istadju ma kien hemm l-ebda dewmien attribwit lill-awtorità ġudizzjarja u *cioè* lill-qorti u lanqas lill-konvenuti. Fil-fatt fi ftit xhur il-konvenuti f'dik il-kawża kienu ressqu eċċezzjoni ulterjuri, preżentaw noti ta' sottomissjonijiet fuq kwistjonijiet diversi, ingħatat sentenza preliminari, digrieti u provediment filwaqt li kienu diġà bdew jinstemgħu l-provi. Jirriżulta li ma kien hemm l-ebda dewmien attribwit lill-konvenuti f'dik il-kawża, anzi kien l-attur *nomine* li kien talab estensjoni sabiex iressaq in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

»Fit-2 ta' Mejju 2017 xehed Joe Vella Bonnici, filwaqt li fis-seduta sussegwenti, u *cioè* dik tal-20 ta' Ġunju 2017, gie vverbalizzat li "l-qorti tirrileva illi t-taħrika tal-Ministru tal-Ġustizzja ġiet lura bħala 'Ma jeżistix', u għalkemm inħarġet żieda ma jidher li saret ebda notifika". Il-qorti għalhekk ordnat li tinħareġ taħrika ġdida a spejjeż tar-Reġistratur tal-Qorti sabiex jiġi mħarrek il-Ministru tal-Ġustizzja bit-titolu li għandu llum skond id-dekasteru li qed jirrappreżenta.

»Irriżulta li fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2017 ġie vverbalizzat li:

> »"Id-difensur tal-attur jinforma lill-qorti illi l-klijent tiegħu ma setax jattendi għas-seduta billi ma jgħixx Malta u xtaq li ikun preżenti meta jittella' jixhed il-ministru.
>
> »"Il-Ministru tal-Ġustizzja mħarrek u notifikat ma deherx. Il-qorti tissolleċita lill-ministru li jidher għas-seduta li jmiss b'ordni tal-qorti mingħajr il-bżonn ta' taħrika u dan biex tiġi evitata sitwazzjoni imbarazzanti għal kulħadd."

»Għalhekk *nonostante* l-fatt li fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2017 il-Ministru tal-Ġustizzja ma kienx deher għas-seduta, u fejn il-qorti fil-fatt ordnatlu li jidher fis-seduta sussegwenti, l-appellat ma jistax jilmenta dwar dan il-fatt *stante* li kif ivverbalizzat id-difensur tal-attur informa lill-qorti li l-klijent tiegħu ma setax jattendi għas-seduta għax jgħix barra u xtaq li jkun preżenti meta jittella' jixhed il-ministru. Għalhekk hawnhekk jirriżulta wkoll li r-rikorrent ma kellu l-ebda għaġla partikolari sabiex il-kawża tiegħu tiġi deċiża. Anzi kien l-avukat difensur tiegħu stess li ivverbalizza li l-klijent tiegħu xtaq li jkun preżenti meta jitla' jixhed il-

ministru. L-Onorevoli Ministru Owen Bonnici xehed fis-seduta sus-segwenti, u *cioè* dik tal-20 ta' Novembru 2017.

»Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2018 ġie vverbalizzat li d-difensur tal-attur xtaq li jixhed il-Ministru Abela li però ġie infurmat li llum jinsab impenjat fuq xogħol uffiċjali u ma setax jattendi. Jirriżulta li fis-seduta tal-14 ta' Frar 2018 ġie vverbalizzat li l-qorti tirrileva li saret talba għal differiment mill-attur minħabba li x-xhud, il-Ministru Carmelo Abela, kien ser ikun imsiefer u l-qorti laqgħet it-talba. Jirriżulta fil-fatt li l-Onorevoli Ministru Carmelo Abela kien preżenta rikors fen informa lill-qorti li kien ser ikun imsiefer fuq xogħol konness mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin fid-data tas-seduta u li kien għalhekk li talab li l-kawża tiġi differita. Il-qorti kienet laqgħet dik it-talba.

»Jirriżulta li fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2018 ġie vverbalizzat li kien hemm malintiż fuq it-taħrika tal-Ministru Carmelo Abela u għalhekk il-kawża ġiet differita għal dak l-iskop. Jirriżulta li għal dik is-seduta kien ir-rikorrent appellat li naqas milli jħarrek lill-Ministru Carmelo Abela sabiex jidher u jixhed fis-seduta. Jirriżulta li l-Onorevoli Ministru Carmelo Abela kien ser ikun imsiefer fit-12 ta' April 2018 u kien għalhekk li preżenta rikors fejn talab li dik is-seduta tiġi differita. Tali talba kienet sostanzjata anke bi provi li jikkonfermaw li l-ministru kien ser ikun imsiefer. Il-qorti kienet irriżervat li tipprovdi fis-seduta iżda l-istess seduta ġiet differita fuq ordni tal-qorti.

»Jirriżulta li l-Ministru Carmelo Abela preżenta rikors ieħor fejn spjega li kien ser ikun imsiefer fis-seduta li kien imiss iżda spjega li l-ministru ma għandux obbligu li jwieġeb mistoqsijiet intiżi biex jagħti raġuni dwar rifjut *o meno* ta' applikazzjoni u talab li jkun meħlus li jixhed dwar l-applikazzjoni. Il-qorti kienet fis-26 ta' April 2018 ċaħdet it-talba kif magħmula.

»Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2018 xehed Carl Cini. Fl-istess seduta il-qorti ivverbalizzat:

> »"Il-qorti tirreferi għar-rikors ta' Dr Luciano Busuttil f'isem il-Ministru Carmelo Abela tal-25 t'April 2018 sabiex l-istess ministru jiġi meħlus mill-obbligu li jixhed għar-raġunijiet hemm mogħtija.
>
> »"Il-qorti tiċħad it-talba kif magħmula b'digriet tas-26 t'April 2018.
>
> »"Jirriżulta lill-qorti li fi-istess rikors il-ministru informa lill-qorti li ser ikun imsiefer għas-seduta tallum.
>
> »"Il-qorti tirrileva illi ebda xhud m'għandu l-privileġġ li ma jidhirx il-qorti meta mħarrek u jkun fil-waqt tas-smigħ tax-xiehda li l-qorti tiddeċiedi x-xhud hux obbligat li jirrispondi għad-domanda magħmula.
>
> »"It-tieni lok din mhix l-ewwel darba li l-istess xhud, għalkemm imħarrek, ippreżenta rikors fejn informa lill-qorti li ser ikun imsiefer.
>
> »"Il-qorti filwaqt li tapprezza l-impenji li jkollu ministru fil-kariga tiegħu, titlob lill-istess xhud japprezza illi ordni tal-qorti ma għandhiex tiġi injorata.
>
> »"Għalhekk il-qorti qed terġa' tistieden lir-rikorrenti jħarrek lix-xhud għas-seduta li jmiss u f'każ li l-ministru ser ikun imsiefer jinforma lill-qorti bid-dati li ser ikun Malta biex fejn ikun possibbli l-qorti takkomodah."

»L-Onorevoli Ministru Carmelo Abela xehed fis-seduta sussegwenti, u *cioè* fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2018. F'dik is-seduta l-qorti vverbalizzat li "l-kawża differita, għall-bidu tal-provi tal-konvenuti u dan wara li l-attur ikun ippreżenta l-aħħar provi tiegħu sal-4 ta' Awwissu 2018 permezz ta' *affidavit* u fejn wara dik id-data l-provi attriċi qed jiġu dikjarati magħluqa, għall-4 ta' Ottubru 2018, fid-08.45 *a.m*." L-*affidavit* tar-rikorrent Yury Sergeevich Danilov ġie preżentat fit-2 ta' Awissu 2018.

»Fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2018 Dr Pawlu Lia għall-aġenzija talab żmien biex itella' l-provi tiegħu u l-qorti laqgħet it-talba. Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2018 ġie vverbalizzat li "Minħabba li Dr Pawlu Lia jinsab impenjat b'urġenza quddiem qorti oħra, talab differiment mhux oppost", u l-qorti laqgħet it-talba. Għalhekk jirriżulta ċar li mhux talli l-attur ma pprotestax iżda anzi d-differiment ma kienx oppost tant li dan ġie ivverbalizzat. Sussegwentement, l-Avukat Pawlu Lia preżenta rikors fejn talab li l-kawża tiġi differita u dan *stante* li kien ser ikun imsiefer fuq xogħol urġenti u imprevist *nonostante* li l-istess Avukat Lia kien ġà inġunġa xhud għal dik is-seduta tal-14 ta' Jannar 2019. Tajjeb li jingħad li għal dik is-seduta kien ġie mħarrek xhud u għalhekk ċertament li t-talba għal differiment kienet ġustifikata u ma kinitx intiża biex ittawwal il-proċeduri. Is-seduta tal-14 ta' Jannar 2019 xorta waħda saret u tela' jixhed Karl Cini iżda *stante* li Dr Pawlu Lia ma setax jidher għas-seduta l-qorti kellha tiddiferixxa l-kawża "għall-aħħar darba għall-provi kollha tal-Aġenzija *Identità Malta*".

»Kien fil-11 ta' Frar 2019 li l-appellat preżenta r-rikors kostituzzjonali mertu ta' dawn Il-proċeduri.

»Sussegwentement, fis-seduta tat-13 ta' Frar 2019, fil-proċeduri bin-numru 144/2016 xehed Karl Cini u l-kawża giet differita għal kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenuti. Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2019 xehed bil-ġurament Dr Cedric Mifsud. Fis-seduta sussegwenti tas-6 ta' Mejju 2019 komplew jitressqu l-provi fejn xehed Jonathan Cardona. Fl-istess seduta gie vverbalizzat li:

> »"Il-qorti f'dan l-istadju ġiet mitluba mid-difensur tal-attur biex tinġieb kopja tal-ittra ta' rifjut mibgħuta lil *Identity Malta* u dan peress li jidher li hemm nuqqas ta' kjarezza fix-xiehda tal-Ministru Abela u tal-Ministru Bonnici.
>
> »"Id-difensuri tal-konvenuti jopponu għal din ii-talba billi d-dokument hu wieħed intern u privileġġjat.
>
> »"Il-qorti tqis li, qabel tippronunzja ruħha, jixhed il-Ministru Bonnici u jikkjarifika meta sar ministru responsabbli mill-programm *IIP* u tirriserva li tipprovdi ulterjorment wara li tisma' lix-xhieda.
>
> »"Il-qorti tordna wkoll lill-Ministru Bonnici qabel jiġi jixhed jivverifika mad-dokumenii tal-aġenzija kienx il-ministru responsabbli minn dan il-każ u jekk ħax hu d-deċiżjoni f'dan il-każ."

»Fis-seduta tas-sitta 6 ta' Ġunju 2019 il-Ministru Owen Bonnici kien jinsab imsiefer u x-xhud Jonathan Cardona ma deherx. Fis-seduta sussegwenti, u *cioè* fit-8 ta' Ottubru 2019, il-qorti ivverbalizzat li

> »"Billi din il-kawża ilha mis-6 ta' Mejju 2019 ma jsir kważi xejn u lanqas jidher li għal-lum tħarrku xi xhieda mill-aġenzija konvenuta *Identity Malta* li tagħhom hemm il-provi, kawża differita għall-5 ta'

> Novembru 2019 fl-10.00 *am* għall-provi kollha li fadlilha *Identity Malta*."

»Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2019 Dr Pawlu Lia informa lill-qorti li bi żvista ħa differiment żbaljat u ma infurmax lill-Ministru Owen Bonnici biex jitla' jixhed. Il-qorti irreferiet għal verbal tat-8 ta' Ottubru 2019 u ordnat li għas-seduta li jmiss il-provi kollha jingħalqu u għalhekk min għandu jitla' jixhed għandu jiġi mħarrek. Il-kawża għalhekk ġiet differita għall-aħħar darba biex jingħalqu l-provi kollha. Fis-seduta ta' wara, u *cioè* fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2020, xehed Jonathan Cardona u fis-seduta sussegwenti d-defensur tal-konvenut *Identity Malta* iddikjara li ma fadallux aktar provi u d-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawża tista' tmur għas-sentenza għall-25 ta' Ġunju 2020. Il-partijiet ingħataw żmien biex iressqu n-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom. Il-kawża ġiet deċiża fil-25 ta' Gunju 2020. … … …

»… … …

»L-esponent appellant għamel referenza għall-atti tal-kawża bin-numru 144/2016 *in vista* tal-fatt li jirriżulta ċar li ma kien hemm l-ebda dewmien irraġonevoli u li l-ewwel qorti fis-sentenza appellata għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti meta waslet għall-konklużjoni li l-proċeduri kienu qegħdin jieħdu żmien irraġonevoli biex jinqatgħu u meta ddeċidiet li seħħet leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

»… … …

»*Nonostante* l-fatt li l-ewwel qorti, fis-sentenza appellata, qieset li d-difiża kienet naqset milli tidher fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2018 jirriżulta li t-talba għal differiment, peress li Dr Pawlu Lia kien jinsab impenjat b'urġenza quddiem qorti oħra, ma ġietx opposta. Għalkemm l-ewwel qorti fis-sentenza appellata qieset "Nuqqas ta' attendenza tax-xhieda Jonathan Cardona u l-ministru li, minkejja li reġa' hekk ittella' jixhed fuq ordni tal-qorti, baqa' qatt ma tela' (verbal 6 ta' Mejju 2019, 6 ta' Gunju 2019)", mill-atti jirriżulta li Jonathan Cardona kien xehed fis-6 ta' Mejju 2019, ma deherx għas-seduta tas-6 ta' Ġunju 2019 iżda xehed fis-16 ta' Jannar 2020.

»Għalhekk minkejja li l-ewwel qorti fis-sentenza appellata ikkunsidrat kif il-qorti baqgħet tiddifferixxi l-każ għall-provi konvenut għal żmien sena u xahar iehor, jirriżulta li f'dak il-perjodu komplew jinstemgħu x-xhieda u għalhekk ma kinux sena u nofs fejn ma seħħ xejn. *Inoltre*, il-fatt li qorti tkun iddekretat li kienet qiegħda tiddeferixxi l-kawża għall-aħħar darba għall-provi tal-konvenut bl-ebda mod ma jorbot lill-qorti – f'każ li tħoss li fl-interess tal-ġustizzja għandha tisma' xhud bħal kif kien ġara f'dan il-każ fejn fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019 ordnat li fis-seduta sussegwenti jitla' jixhed l-Onorevoli Ministru Owen Bonnici – li tagħmel dan.

»Sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli jeħtieg li jiġi kkunsidrat il-proċedura fit-totalità tagħha u mhux punt partikolari. Jirriżulta li l-qorti, fil-perjodu ta' kemm damet pendenti l-kawża, quddiemha tressqet eċċezzjoni ulterjuri, tat sentenza preliminari, numru ta' digrieti u provvediment, il-partijiet preżentaw numru ta' noti ta' sottomissjonijiet fuq diversi kwistjonijiet li tqajmu u naturalment kellhom jingħataw żmien sufficenti biex iressqu l-każ tagħhom, ingħatat sentenza finali fid-data li kienet

skedata għall-għoti tas-sentenza. Għalhekk ma kien hemm l-ebda delungar bla bżonn da parti tal-awtorità ġudizzjarja fl-għoti tas-sentenza.

»L-ewwel qorti fis-sentenza appellata, *in vista* tal-fatt li s-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020 ġiet appellata mir-rikorrent, qieset ukoll li:

> »"Peress li l-proċeduri hawn lmentati għadhom ma ġewx hekk solvuti, l-qorti se tqis id-data li fiha qed tingħata din is-sentenza, jiġifieri d-19 ta' Ottubru 2021, bħala d-*dies ad quem* ta' dan il-kejl ta' żmien rilevanti *ai fini* ta' dawn il-proceduri. B'dana ma jfissirx li din il-qorti ma hiex ser ukoll tieħu qies għaż-żmien indeterminat li fadal biex l-ilmenti tar-rikorrent fil-proċeduri l-oħrajn jiġu definittivament deċiżi. Il-qorti tfakkar ukoll li l-appell sar minn żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari u għalhekk, mingħajr ma din qorti tidħol fil-mertu tal-kawża l-oħra, ma hux eskluż li, jekk dan l-appell jintlaqa', iż-żmien li ser tibqa' pendenti dik il-kawża ser ikompli jittawwal indefinittivament. Din l-osservazzjoni qed issir indipendentement li dawk il-proċeduri ċivili, s'issa, ilhom għaddejjin għal żmien ħames snin, seba' xhur u sitta u għoxrin ġurnata."

»L-appellant esponent jissottometti li l-ewwel qorti għalhekk ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq assunzjoni li l-appell magħmul mir-rikorrent f'dawk il-proċeduri sejjer jintlaqa' u li l-kawża ser tkompli tittawwal indefinittivament. L-esponent jemfasizza li dan ukoll jammonta għal apprezzament ħażin tal-fatti u dan *stante* li huwa intempestiv li qorti tikkunsidra l-possibiltà li kawża li ġiet deċiża mill-prim'istanza tiġi mħassra fl-istadju ta' appell meta qiegħda tiddetermina jekk hemmx leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Għalhekk l-ewwel qorti kellha tikkunsidra d-data tas-sentenza tal-prim'istanza, u *cioè* tal-25 ta' Ġunju 2021, bħala d-data ta' meta ngħalqu l-proċeduri u għalhekk madwar erba' (4) snin.

»Mingħajr preġudizzju għas-suespost, meta wieħed jifli l-*iter* proċesswali tal-kawża bin-numru 144/2016 jasal għall-konklużjoni li l-ewwel onorabbli qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti meta sabet li l-kawża baqgħet pendenti għal żmien mhux raġonevoli. Mill-*iter* proċesswali jirriżulta li d-dewmien ma kienx wieħed irraġonevoli u dan tenut kont ta' numru ta' ċirkostanzi fosthom il-komplessità tal-kawża, il-fatt li waħda mill-konvenuti kienet talbet li tippreżenta eċċezzjoni ulterjuri, il-fatt li l-partijiet ingħataw żmien biex iwieġbu għal tali talba, in-noti ta' sottomissjonijiet li ġew ippreżentati, il-provvedimenti li kellhom jingħataw, is-sentenza preliminari li ngħatat u s-sentenza definittiva anke jekk il-qorti laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-Aġenzija *Identità Malta*.

»*Inoltre* jirriżulta wkoll li, jekk kien hemm dewmien, ir-rikorrenti wkoll kien responsabbli u dan *stante* li jirriżulta kif fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2017 ġie vverbalizzat li "d-difensur tal-attur jinforma lill-qorti illi l-klijent tiegħu ma setax jattendi għas-seduta billi ma jgħixx Malta u xtaq li jkun preżenti meta jittella' jixhed il-ministru". Għalhekk *non-ostante* li l-ministru ma kienx preżenti għal dik is-seduta, ir-rikorrent xorta waħda xtaq li jkun preżenti u għalhekk, anke li kieku l-ministru deher biex jixhed, ir-rikorrent stess ma xtaqx li dan jiġri fl-assenza tiegħu. Jirriżulta wkoll li kien hemm istanzi fejn ir-rikorrent stess naqas milli jinġunġi xhieda bħal, per eżempju, għas-seduta tat-22 ta' Marzu 2017 fejn ġie vverbalizzat li "jidher li kien hemm malintiż jekk kellux jitla' jixhed Joe Vella Bonnici, *chairman* tal-aġenzija, jew kellux jiġi

mħarrek, u billi l-istess xhud mhux preżenti" l-kawża ġiet differita. Jirriżulta li fis-seduta tal-14 ta' Frar 2018 ġie vverbalizzat li "l-qorti tirrileva li saret talba għal differiment mill-attur minħabba li x-xhud, il-Ministru Carmelo Abela, kien ser ikun imsiefer". Ġaladarba r-rikorrent kien jaf li l-ministru kien ser ikun imsiefer, ir-rikorrent seta' utilizza dik is-seduta biex iressaq provi oħra. Fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2018 l-avukat tar-rikorrent ukoll naqas milli jħarrek għal dik is-seduta. Fil-fatt ġie vverbalizzat li "kien hemm malintiż fuq it-taħrika tal-Ministru Carmelo Abela". Jirriżulta li fid-9 ta' Frar tas-sena 2017 l-Avukat Cedric Mifsud *noe* kien talab estensjoni sabiex iressaq nota bl-argumenti legali fuq għaliex is-Sur Joe Vella Bonnici għandu jixhed quddiem din l-onorabbli qorti. Jirriżulta wkoll li fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2018 ġie vvverbalizzat li "Minħabba li Dr Pawlu Lia jinsab impenjat b'urġenza quddiem qorti oħra, talab differiment mhux oppost". Għalhekk kien ir-rikorrent stess f'dik il-kawża li mhux biss ma pprotestax iżda, *multo magis*, ġie vverbaiizzat li ma kienx qiegħed jopponi għal talba għal differiment. Għalhekk dan jikkonferma li ma kien hemm l-ebda urġenzi biex is-smigħ tal-kawża bin-numru 144/2016 jingħata prijorità. *Nonostante* dan, l-onorabbli qorti xorta waħda mexiet b'diliġenza u speditezza fis-smigħ tal-każ.

»*Inoltre*, jekk wieħed kellu jikkunsidra ż-żmien li ħadu l-partijiet biex jagħalqu l-provi tagħhom, jirriżulta li fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2018 ġie vverbalizzat li "l-kawża differita, għall-bidu tal-provi tal-konvenut u dan wara li l-attur ikun ippreżenta l-aħħar provi tiegħu sal-4 ta' Awwissu 2018 permezz ta' *affidavit* u fejn wara dik id-data il-provi attriċi qed jiġu dikjarati magħluqa, għall-4 ta' Ottubru 2018, fid-08:45 *a.m.*". Għalhekk il-provi tar-rikorrent ingħalqu fl-4 ta' Awissu 2018, filwaqt li l-provi tal-konvenuta Aġenzija *Identità Malta* kellhom jibdew jitressqu fl-4 ta' Ottubru 2018. Preċiżament l-*affidavit* tar-rikorrent Yury Sergeevich Danilov ġie ippreżentat fit-2 ta' Awissu 2018 filwaqt li l-istadju tal-provi tal-konvenuta Aġenzija *Identità Malta* ngħalqu fit-3 ta' Marzu 2020. L-appellant għalhekk jisħaq li ma kien hemm l-ebda dewmien li ma kienx raġonevoli.

»L-ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti meta naqset milli tagħti l-piż meħtieġ fuq il-fatt li l-partijiet ingħataw l-opportunità kollha li jressqu l-provi u jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom f'diversi stadji tal-kawża fuq diversi kwistjonijiet li tqajmu. Il-konvenuti f'dik il-kawża naturalment kif kellhom kull dritt li jagħmlu qajmu kwistjonijiet ta' natura preliminari u interlokutorja li kellhom jiġu deċiżi mill-qorti. Għalhekk tenut kont tal-fattispeċi tal-każ, ċertament li ma jistax jingħad li dan kien dewmien mhux ġustifikat.

»L-ewwel qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti meta għamlet emfasi fuq il-perjodu li damu l-proċeduri mingħajr ma qieset id-diversi drabi li l-partijiet kellhom jingħataw żmien biex iressqu l-argumenti tagħhom bil-miktub. Lesponent jemfasizza li ma hemm l-ebda *time limit* li l-qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġudizzju jiġu preġudikati minħabba għaġla żejda. L-esponent appellant jemfasizza li jkun verament perikoluż għall-ġustizzja jekk qrati kellhom jiġu marbuta bi żmien stipulat biex jiddeċiedu l-kawżi li għandhom quddiemhom. L-ewwel qorti stess, fis-sentenza appellata, irrikonoxxiet li l-istħarriġ ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni għal ċittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni permezz tal-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta, għandu

jitqies legalment kumpless minħabba nuqqas ta' preċedent fuq livell nazzjonali u li każ jista' jirrikjedi iktar żmien minn dak ġeneralment mistenni sabiex jiġi konkluż. Il-qorti qieset li jibqa' dejjem inkombenti fuq l-awtoritajiet nazzjonali li l-proċediment jiġi stradat b'diliġenza għalkemm f'dan il-każ mhux b'diliġenza speċjali.

»*Inoltre* l-esponent umilment jissottometti li l-ewwel qorti fis-sentenza appellata għamlet apprezzament ħażin tal-fatti meta qieset li "Bħala qorti tal-ewwel istanza, il-Qorti Ċivili Prim'Awla damet mit-23 ta' Frar 2016 sal-25 ta' Ġunju 2020, jiġifieri erba' snin, erba' xhur u jumejn, sabiex jddetermina żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari".

»Dwar dan, l-appellant esponent jissottometti li l-qorti kienet tat sentenza preliminari datata s-7 ta' Lulju 2016 dwar l-eċċezzjoni li l-azzjoni ma tistax tipprosegwi għaliex l-attur ma segwiex id-dispost tal-artikolu 460, u tat provvediment fis-16 ta' Frar 2017 dwar l-oġġezzjoni tal-Aġenzija *Identità Malta* li ma jsirux domandi liċ-*chairman* tal-aġenzija Joe Vella Bonnici rigward l-applikazzjoni li saret mir-rikorrent u kull ħaġa oħra konnessa mal-istess. Dan il-provvediment kien meħtieġ peress li meta sussegwentement tela' jixhed Joe Vella Bonnici, fit-2 ta' Mejju 2017, il-qorti ma ppermettiex li x-xhud jirrispondi dwar kollox. Ingħatat sentenza definittiva fil-25 ta' Ġunju 2020. Fil-fatt minkejja li skond il-verbal tas-7 ta' Novembru 2016 il-qorti kienet iddekretat li l-provi kienu ser jitkomplew fuq l-eċċezzjoni jekk il-konvenut l-ieħor, l-Aġenzija *Identità Malta*, hix leġittimu kontradittur fil-proċeduri, il-qorti kienet fis-6 ta' Marzu 2020 stiednet lid-difensuri tal-partijiet sabiex *entro* ġimgħa minn dakinhar jiddikjaraw jekk is-sentenza hix ser tkun limitata għal din l-eċċezzioni jew għat-talbiet u l-eċċezzjonijiet kollha tal-kawża, Peress li nġabru l-provi kollha, l-avukati difensuri tal-partijiet kienu iddikjaraw li l-qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza finali. Fil-fatt il-qorti kienet tat digriet datat it-22 ta' April 2020 fejn iddekretat li "ser tiddeċiedi l-kawża fuq it-talbiet u l-eċċ-ezzjoniiiet kollha tal-partijiet". Għalhekk, minkejja li l-qorti fid-deċiżjoni finali kienet laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Aġenzija *Identità Malta* li mhix leġittimu kontradittur f'dawk il-proċeduri, il-qorti kienet semgħet il-provi dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet kollha. Għalhekk l-ewwel onorabbli qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti meta qieset li l-qorti, f'madwar erba' snin, iddeċidiet biss żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, meta fir-realtà jirriżulta li l-provi kienu nġabru dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet kollha u li għalhekk, minkejja li l-qorti kienet laqgħet eċċezzjoni preliminari, dan ma jbiddel xejn mill-fatt li nstemgħu u nġabru l-provi kollha u mhux limitatament dwar l-eċċezzjonijiet preliminari.

»Għalhekk l-esponent umilment jissottometti li meta wiehed jikkunsidra l-fattispeċi tal-każ u tal-kwistjonijiet legali li tqajmu waqt il-proċeduri, madwar erba' snin mill-preżentata tar-rikors ġuramentat għad-deċiżjoni definittiva tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili huwa żmien raġonevoli. Anke f'każ li jinsab li kien hemm xi dewmien, tali dewmien ma jistax jitqies li huwa wieħed kapriċċuż jew irraġonevoli. … … … Għalhekk sabiex jiġi determinat jekk id-dewmien kienx raġonevoli *o meno* jeħtieġ li jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi partikolari, fosthom il-kumplessità tal-kaz, il-kondotta taż-żewġ partijiet u tal-awtorità ġudizzjarja.

»Fil-każ odjern jirriżulta li l-qorti mexxiet il-kawża b'diliġenza fejn għamlet biċ-ċert li ż-żewġ naħat ikollhom id-dritt li jressqu l-każ u d-difiża tagħhom. Id-dritt għal smigħ xieraq kien jiġi leż proprju kieku l-

qorti m'għamlitx kif għamlet. *Inoltre* jirriżulta wkoll li ġaladarba hawn *si tratta* ta' proċeduri ċivili u mhux kriminali, ma kien hemm l-ebda ċirkostanza speċjali li dwarhom il-qorti kellha tagħti l-kawża priorità fuq kawżi oħra. Jirriżulta li l-proċeduri in diżamina lanqas ma jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li jinvolvu kwistjonijiet urġenti li kienu jeħtieġu deċiżjoni urġenti. *Inoltre* tant kemm ma kienx hemm dewmien irraġonevoli u esaġġerat, li, sakemm wasal biex ġie deċiż ir-rikors kostituzzjonali odjern, il-kawża in mertu li dwarha qiegħed jiġi lamentat li kien hemm dewmien leħqet ġiet deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

»Għalhekk jirriżulta li l-ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti meta iddikjarat li t-tul ta' żmien li qiegħed jittieħed sabiex jiġu konklużi l-proċeduri huwa irraġonevoli u meta sabet vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-liġi f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Għalhekk dan l-aggravju huwa ġust u għandu jiġi milqugħ.«

8. L-attur wieġeb hekk:

»… … … meta wieħed jagħsar l-aggravju tal-Avukat tal-Istat wieħed jinnota illi dan l-aggravju ma jreġix u m'għandux jintlaqa' peress illi huwa ibbażat fuq punt ta' apprezzament tal-fatti mill-ewwel qorti u mhux fuq xi punt ta' liġi. Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna illi l-apprezzament tal-fatti mill-ewwel qorti ma jiġix iddisturbat jekk mhux għal ragunijiet gravi u meta wiehed jevalwa b'mod intier l- appell tal-Avukat tal-Istat ikun jista' jikkonkludi illi l-ilment ma sar fuq l-ebda punt ta' dritt.

»Fl-aggravju tiegħu l-Avukat tal-Istat għadda biex għamel elenku tas-seduti illi kienu nstemgħu quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri bin-numru 144/2016 fejn ipprova jeżonera lill-konvenuti mir-responsabbilità minhabba d-dewmien f'dik il-kawza billi jissuġġerixxi illi kien ir-rikorrenti illi kellu xi rwol fid-dewmien.

»Fl-ewwel lok l-Avukat tal-Istat jgħid illi ir-rikorrenti kien talab estensjoni ta' ftit jiem meta ġie notifikat bin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Aġenzija *Identità Malta* ta' nhar il-25 ta' Jannar 2017. Ta' min jgħid illi din it-talba ma attribwiet għal ebda dewmien u dan *stante* illi għalkemm ir-rikorrenti ngħatatlu estensjoni sas-16 ta' Frar 2017 huwa ippreżenta in-nota tiegħu fit-13 ta' Frar 2017 u id-digriet ingħata fis-seduta tas-16 ta' Frar 2017 kif kien iffissat mill-qorti fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2017.

»L-Avukat tal-Istat għadda wkoll kumment illi "*nonostante* l-fatt illi fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2017 il-Ministru tal-Ġustizzja ma kienx deher għas-seduta, u fejn il-qorti fil-fatt ordnatlu li jidher fts-seduta sussegwenti, l-appellat ma jistax jilmenta dwar dan il-fatt *stante* li kif ivverbalizzat id-difensur tal-attur informa lill-qorti li klijent tiegħu ma setax jattendi għas-seduta għax jgħix barra u xtaq li jkun preżenti meta jittella' jixhed il-ministru. Għalhekk hawnhekk jirriżulta wkoll li r-rikorrent ma kellu l-ebda għaġla partikolari sabiex il-kawża tiegħu tiġi deċiża. Anzi kien l-avukat difensur tiegħu stess li ivverbalizza li l-klijent tiegħu xtaq li jkun preżenti meta jitla' jixhed il-ministru".

»Bid-dovut rispett lejn l-appellant il-fatt illi ġie ivverbalizzat illi r-rikorrenti xtaq ikun preżenti imma ma setax minħabba illi jgħix barra minn Malta ma jfissirx illi huwa ma riedx illi jinstema' l-ministru fin-nuqqas tal-preżenza tiegħu. F'dik is-seduta l-ministru kien ġie mħarrek biex jixhed u kien ġie debitament notifikat u, li kieku huwa kien irrispetta n-notifika u deher quddiem il-qorti, id-difensur tal-appellat kien ser jagħmillu l-mistoqsijiet kif pjanat minkejja illi l-appellat ma kienx ser ikun preżenti għal dik is-seduta. Fl-ebda ħin ma ntalab differiment sabiex ikun aċċertat illi l-appellat ikun preżenti meta jinstema' l-Ministru tal-Ġustizzja u għaldaqstant l-uniku raġuni għaliex dik is-seduta ma setgħetx isseħħ kien minħabba illi l-Ministru tal-Ġustizzja kien naqas milli jidher quddiem il-qorti biex jixhed kif ordnat.

»L-appellant anke argumenta illi l-appellat *nomine* ma kienx oppona għal differiment mitlub mill-avukat Dr Pawlu Lia fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2018 *stante* illi dan tal-aħħar kien impenjat quddiem qorti oħra, Il-fatt illi ma kienx ġie oppost dan id-differiment bl-ebda mod ma juri xi nuqqas min-naħa tal-appellat *stante* illi l-kawża kienet fil-fażi illi l-Aġenzija *Identità Malta* kienet mistennija tressaq il-provi tagħha u għaldaqstant peress illi l-Avukat Lia ma kienx preżenti għal dik is-seduta l-kawża ma setgħetx tipproċedi ulterjorment.

»Minkejja l-punti kollha imressqa mill-Avukat tal-Istat fejn jittenta illi jattribwixxi xi element ta' responsabbiltà fuq l-appellat, mill-ispjega mogħtija minnu stess wieħed faċilment jasal għall-konklużjoni illi waslet għaliha l-qorti fl-ewwel istanza u *cioè* illi kien hemm dewmien irraġonevoli fil-proċeduri bi ksur tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

»… … …

»… … … kif huwa evidenzjat mill-provi tal-kawża kien seħħ dewmien irraġonevoli u minħabba raġunijiet estranei għall-appellat fosthom minħabba dewmien min-naħa tal-ministri konċernati u kif ukoll min-ħabba dewmien min-naha tal-Aġenzija *Identità Malta*.

»L-Avukat tal-Istat iqis il-fatt illi il-kawża kienet ħadet madwar erba' snin żmien biex tiġi deċiża bħala żmien raġonevoli minħabba illi matul dak iż-żmien kienu nġabru provi quddiemha. Iżda kif ġie rikonoxxut tajjeb mill-ewwel qorti fis-sentenza tagħha l-qorti ma kellhiex tieħu dak it-tul ta' żmien sakemm tiġi deċiża u dan *stante* illi kienet kawża illi setgħet tiġi spedita b'mod faċli u għaldaqstant dan in-numru ta' seduti jirrifletti illi kien hemm dewmien bla bżonn f'din il-kawża illi sal-ġurnata odjerna għadha ġiet parzjalment deċiża sempliċiment fuq eċċezz-jonijiet preliminari u illi attwalment tinsab fi stadju ta' appell illi minkejja illi ġie ppreżentat fit-13 ta' Lulju 2020 kien appuntat għas-smigħ għas-seduta ta' nhar it-18 ta' Novembru 2021 u jinsab differit għat-trattazzjoni għas-seduta ta' nhar is-17 ta' Frar 2022 u dan ikompli juri n-nuqqasijiet fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

»F'dan il-kaz huwa iżjed inkwetanti l-fatt illi parti mid-dewmien huwa attribwibbli għal persuni f'pożizzjonijiet għolja fil-gvem, fosthom il-Ministru tal-Ġustizzja responsabbli għall-qrati u l-Ministru tal-Affarijiet Barranin illi, minkejja illi għandhom ir-responsabbiltà illi jħarsu d-dritt-ijiet fundamentali tal-bniedem u jassiguraw il-faċli speditezza tal-kawżi, kienu huma stess illi tawwlu il-prosegwiment tal-kawża u/jew urew nuqqas ta' interess fil-kawża u nuqqas ta' rispett lejn il-qorti billi naqsu milli jidhru quddiemha sabiex jixhdu.

»Dan id-dewmien irriżulta f'dannu għar-rikorrenti illi, iżjed minn ħames snin wara illi ġiet intavolata l-kawża dwar ir-reviżjoni tal-għemil amministrattiv *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għadu ma kienx hemm sentenza definittiva dwar l-għemil tal-Aġenzija *Identità Malta* u b'hekk għadu ma ġiex stabbilit jekk fil-fatt huwa kellux dritt jingħata raġunijiet għad-deċiżjoni meħuda mill-Aġenzija *Identità Malta*.

»Minħabba f'dan id-dewmien ir-rikorrenti sofra telf ta' żmien u flus illi setgħu faċilment jiġu evidenti.

»Kif ġie osservat mill-ewwel qorti fid-deċiżjoni tagħha "kwantu jirri-gwarda d-deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni, il-qorti imxiet b'ħeffa li kien mistħoqq. Iżda dwar it-tieni eċċezzioni il-Qorti Ċivili Prim' Awla ħadet id-doppju tal-massimu ta' sentejn zmien li fih il-QEDB ġeneral-ment qieset bħala raġonevoli fejn il-każijiet ma jkunux kumplessi".

»Il-qorti fid-deċiżjoni tagħha għarfet ukoll illi f'ċertu ċirkostanzi l-qrati jippermettu ċertu dewmien għaliex ikunu jridu jagħtu kemm jista' jkun possibbli ħin sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jippreżentaw il-każ tagħhom. Però, bil-kawtela abbundanti li ġieli jieħdu sabiex ikun osservat il-prinċipju tal-*audi alteram partem*, ikunu min-naħa l-oħra qegħdin jieħdu sogru li jkun hemm ksur tal-prinċipju l-ieħor ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Minkejja din it-tolleranza b'kull intenzjoni tajba, id-dewmien taż-żmien fi proċeduri huwa fattur li, fil-kamp kostituzzjonali, irid ikun meqjus minn lenti oġġettiva u dan fuq stregwa tat-tagħlim mhux biss ta' dawn il-qrati imma dak tal-QEDB.

»L-appellanti jisħaq illi l-ewwel qorti qieset din il-kawża partikolari bħala waħda kumplessa minħabba nuqqas ta' preċedenti minħabba n-natura tiegħu u għaldaqstant seta' jagħti lok għal iżjed dewmien minn kawżi oħra. Iżda dwar dan għandu jingħad u kif ġie rilevat anke mill-ewwel qorti illi "l-kumplessità fiha nnifisha mhux neċessarjament tiġġustifika proċedimenii twal li xorta jistgħu jwasslu għal vjolazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli. Tabilħaqq il-kumplessità waħidha tal-każ ma twassalx sabiex kwalunkwe dewmien jitqies bħala raġon-evoli."

»*Inoltre* "il-fatt li l-proċediment ma jeħtieġx li jitmexxa b'diliġenza speċiali ċertament ma jeżonerax lill-qorti milli tonora r-rekwiżit impost bl-artikolu 6§1 billi tiżgura s-smigħ xieraq tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli. … … … sabiex dewmien ma jiġix attribwibbli lill-istat, il-kondotta tal-qorti, bħala awtorità kompetenti li fuqha l-istat huwa responsabbli, trid tkun waħda kapaċi li tiggarantixxi lil kulħadd id-dritt għal deċiżjoni finali fuq kwistjonijiet ta' drittijiet u obbligi ċivili fi żmien raġonevoli".

»Mis-suespost huwa evidenti illi d-dewmien fil-kawża kien irraġonevoli u b'hekk l-aggravju tal-appellant għandu jiġi miċħud.«

9. Jingħad qabel xejn illi dak li jgħid l-attur fit-tweġiba tiegħu illi l-appell "ma sar fuq l-ebda punt ta' dritt" huwa għalkollox irrelevanti. Appell jingħata kemm fuq punt ta' dritt u kemm fuq punt ta' fatt, u qorti tat-tieni grad għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti. Ir-rwol ta' qorti tat-

tieni grad huwa kif imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2018 fl-ismijiet Antoinette Cutajar *v.* Onor. Joseph Muscat *et* (rik. nru 891/2014):

> »Il-qorti tosserva, qabel xejn, b'referenza għal-dak li jingħad fl-ewwel paragrafu tat-tweġiba tal-konvenuti, illi l-konvenuti jagħtu wisq enfasi lill-prassi li qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax l-apprezzament ta' fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet *viva voce* qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.«

10. Għandu jingħad ukoll illi jgħid ħażin l-attur illi l-kawża "għadha ġiet parzjalment deċiża sempliċiment fuq eċċezzjonijiet preliminari". Tassew illi nqatgħu biss eċċezzjonijiet preliminari, iżda bis-saħħa ta' hekk il-kawża fl-ewwel grad intemmet għax dawk l-eċċezzjonijiet intlaqgħu, u għalhekk ma jistax jingħad – sakemm ma jintlaqax l-appell tal-attur minn dik is-sentenza[1] – illi l-kawża nqatgħet biss "parzjalment". Fil-fatt is-smigħ quddiem il-qorti tal-ewwel grad ingħalaq tant illi l-qorti kienet f'pożizzjoni illi, li kieku ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari, kienet taqta' l-kawża fil-meritu wkoll, kif jixhed id-dikriet tat-22 ta' April 2020. Huwa għalhekk ingannevoli l-argument illi wara erba' snin il-kawża kienet għadha biss fl-istadju ta' eċċezzjonijiet preliminari. Il-kawża fl-ewwel grad kienet matura għalkollox. Dan jagħti perspettiva kemmxejn differenti lill-asserzjoni tal-ewwel qorti illi

---

1 L-appell tal-attur inqata' llum ukoll mill-Qorti tal-Appell u s-sentenza tal-ewwel qorti safejn laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tal-Aġenzija ġiet konfermata.

fil-kawża li dwarha sar l-ilment il-qorti damet "erba' snin, erba' xhur u jumejn, sabiex iddeterminat żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari", u dan xi ftit jew wisq ikkondizzjona l-atteġġjament tal-ewwel qorti lejn il-kwistjoni.

11. Iċċarati dawn il-punti, ngħaddu issa għall-meritu tal-appell, u biex naraw kienx hemm dewmien mhux xieraq naraw sewwasew kif imxiet il-kawża li dwarha sar l-ilment.

12. Il-kawża nfetħet fit-23 ta' Frar 2016 u tqiegħdet għas-smigħ fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2016.

13. Ġurnata qabel – fl-14 ta' Marzu 2016 – il-konvenuti wieġbu u ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom.

14. Fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2016 il-konvenuti talbu li jitħallew iressqu eċċezzjoni oħra – nuqqas tal-ittra ġudizzjarja li jrid l-art. 460 Kod. Proċ. Ċiv. biex jinbdew proċedimenti kontra l-gvern – b'żieda ma' dawk imressqa fit-tweġiba tagħhom. Il-qorti tat lill-attur żmien sal-aħħar ta' Marzu 2016 biex iwieġeb għal din it-talba u lill-konvenuti sal-15 ta' April 2016 għar-replika. Ħalliet il-kawża għall-21 ta' April 2016 sabiex jingħata l-provvediment relattiv. L-attur wieġeb erbat ijiem tard, fl-4 ta' April 2016, u l-konvenuti rreplikaw fil-15 ta' April 2016.

15. Id-dikriet ingħata fis-seduta tal-21 ta' April 2016, kif programmat; it-talba tal-konvenuti biex iressqu eċċezzjoni ulterjuri ntlaqgħet u l-kawża ġiet differita "għall-provi kollha fuq l-eċċezzjoni ulterjuri" għas-26 ta' Mejju 2016.

16. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni ulterjuri, imsejsa fuq l-art. 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fis-27 ta' April 2016.

17. Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2016 instemgħu l-provi fuq l-eċċezzjoni ulterjuri u l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni għas-7 ta' Lulju 2016.

18. Fis-7 ta' Lulju 2016 is-sentenza ngħatat u l-kawża ġiet differita għas-7 ta' Novembru 2016 "sabiex il-partijiet jirregolaw ruħhom".

19. Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2016 il-qorti ordnat illi tinstema' x-xiehda fuq eċċezzjoni preliminari oħra tal-konvenuti u ddifferiet il-kawża għall-10 ta' Jannar 2017 "għall-provi attriċi".

20. B'mandat tad-9 ta' Novembru 2016 l-attur ħarrek xhud wieħed – Joseph Vella Bonnici, *chairman* tal-aġenzija – biex jixhed fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2017.

21. Fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2017 deher Joseph Vella Bonnici iżda ġie verbalizzat illi min-naħa tal-Aġenzija saret oppożizzjoni "għal kwalsiasi domanda magħmula lix-xhud li tirrigwarda l-mertu specifiku tal-azzjoni fejn jirrigwarda kwalsiasi informazzjoni rigward l-applikazzjoni li saret u kull ħaġa oħra konnessa mal-istess". Il-qorti tat lill-partijiet żmien jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub dwar l-oppożizzjoni u ħalliet il-kawża għas-16 ta' Frar 2016 għad-deċiżjoni.

22. B'rikors tad-9 ta' Frar 2016 l-attur talab aktar żmien biex jagħmel is-sotto-missjonijiet tiegħu, u dawn ippreżentahom fit-13 ta' Frar 2016. Minkejja dan il-qorti xorta tat id-deċiżjoni tagħha fis-seduta tas-16 ta' Frar 2016, kif

programmat, u ħalliet il-kawża għat-22 ta' Marzu 2017 "għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-attur".

23. L-attur iżda naqas milli jħarrek xhieda għas-seduta tat-22 ta' Marzu 2017 billi "kien hemm malintiż jekk kellux jitla' jixhed Joe Vella Bonnici, *chairman* tal-aġenzija, jew kellux jiġi mħarrek" u għalhekk il-qorti kellha tħalli l-kawża għat-2 ta' Mejju 2017 "sabiex jixhed Joe Vella Bonnici".

24. Fit-2 ta' Mejju 2017 xehed Joe Vella Bonnici u l-kontro-eżami tiegħu ġie riservat. L-attur ma għalaqx il-provi tiegħu u għalhekk il-kawża tħalliet għall-20 ta' Ġunju 2017 "għall-kontinwazzjoni tal-provi attriċi".

25. B'mandat tat-3 ta' Mejju 2017 l-attur ħarrek lill-Ministru tal-Ġustizzja u Kultura sabiex jixhed fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2017. It-taħrika iżda ma ġietx notifikata għar-raġuni – emmen jekk trid – li l-ministru "*does not exist*". Il-qorti tifhem illi l-ministru jew xi ħadd għalih irrifjuta li jilqa' n-notifika għar-raġuni li t-titolu tiegħu dak iż-żmien ma kienx eżatt kif miġjub fuq il-mandat ta' taħrik. Għalhekk fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2016 flok instema' l-ministru l-qorti ordnat illi "tinħareġ taħrika ġdida a spejjeż tar-Reġistratur tal-Qorti sabiex jiġi mħarrek il-Ministru tal-Ġustizzja bit-titolu li għandu llum skont id-dekasteru li qed jirrappreżenta" u ħalliet il-kawża "għal dan l-iskop" għat-18 ta' Ottubru 2017.

26. Fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2017 sar dan il-verbal:

> »Id-difensur tal-attur jinforma lill-qorti illi l-klijent tiegħu ma setax jattendi għas-seduta billi ma jgħixx Malta u xtaq li jkun preżenti meta jittella' jixhed il-ministru.
>
> »Il-Ministru tal-Ġustizzja mħarrek u notifikat ma deherx. Il-qorti tissolleċita lill-ministru li jidher għas-seduta li jmiss b'ordni tal-qorti min-

> għajr il-bżonn ta' taħrika u dan biex tiġi evitata sitwazzjoni imbarazz-anti għal kulħadd.«

27. Il-kawża tħalliet għall-20 ta' Novembru 2017 "għall-istess skop tal-verbal preċedenti", *viz.* "għall-kontinwazzjoni tal-provi attriċi".

28. Fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2017 xehed il-Ministru Owen Bonnici u l-kontro-eżami tiegħu ġie riservat. Il-kawża tħalliet għall-11 ta' Jannar 2018 "għall-kontinwazzjoni tal-provi attriċi".

29. B'mandat tal-14 ta' Diċembru 2017 l-attur ħarrek lill-Ministru Carmelo Abela biex jixhed fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2018. Fil-11 ta' Jannar 2018 iżda l-ministru ma deherx biex jixhed peress illi "impenjat fuq xogħol uffiċjali u ma setax jattendi". Il-kawża għalhekk tħalliet għall-14 ta' Frar 2018 "biex jixhed il-Ministru Abela". B'mandat ieħor tal-15 ta' Jannar 2018 l-attur reġa' ħarrek lill-Ministru Abela biex jidher fis-seduta tal-14 ta' Frar 2018 iżda b'rikors tas-6 ta' Frar 2018 il-Ministru Abela talab li ma jidhirx fl-14 ta' Frar 2018 għax sejjer ikun barra minn Malta fuq xogħol. B'dikriet tas-7 ta' Frar 2018 il-qorti laqgħet it-talba. Imbagħad fis-seduta tal-14 ta' Frar 2018 sar dan il-verbal:

> »… … … saret talba għal differiment mill-attur [*sic*] minħabba li x-xhud, il-Ministru Carmelo Abela, kien ser ikun imsiefer.
>
> »Il-qorti laqgħet it-talba.
>
> »Kawża differita għall-5 ta' Marzu 2018 fid-8.45 *a.m.*«

30. Fil-5 ta' Marzu 2018 reġa' ma sar xejn "billi kien hemm malintiż fuq it-taħrika tal-Ministru Carmelo Abela" u l-kawża tħalliet għat-12 ta' April 2018 "għal dan l-iskop".

31. B'mandat tal-5 ta' Marzu 2018 l-attur ħarrek żewġ xhieda għas-seduta tat-12 ta' April 2018: il-Ministru Carmelo Abela u rappreżentant ta' *Nexia BT*. Iż-żewġ xhieda ġew notifikati bit-taħrika iżda b'rikors tal-10 ta' April 2018 il-Ministru Abela reġa' talab li ma jidhirx biex jixhed billi jkun impenjat fuq xogħol ieħor. B'dikriet tal-11 ta' April 2018 il-qorti rriservat li tipprovdi fis-seduta, u fis-seduta tal-12 ta' April 2018 iddifferiet il-kawża għas-16 ta' Mejju 2018 "għall-istess ħin u skop tal-verbal preċedenti". Dakinhar lanqas ix-xhud l-ieħor, rappreżentant ta' *Nexia BT*, għalkemm imħarrek u notifikat, ma xehed.

32. B'mandat tat-13 ta' April 2018 l-attur reġa' ħarrek lir-rappreżentant ta' *Nexia BT* u lill-ministru biex jixhdu fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2018. Iż-żewġ xhieda ġew notifikati iżda b'rikors tal-25 ta' April 2018 il-ministru għarraf lill-qorti li sejjer jerġa' jkun imsiefer fis-16 ta' Mejju 2018, u talab ukoll li "jkun meħlus mill-obbligu li jixhed" peress illi:

> »… … … l-artiklu 19 tal-Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta[2] jghid: "Il-Ministru ma jkunx meħtieġ li jagħti xi raġuni għall-għoti jew għaċ-ċaħda ta' xi applikazzjoni skont dan l-Att u d-deċiżjoni tal-Ministru fuq xi applikazzjoni bħal dik ma tkunx suġġetta għal appell jew reviżjoni f'xi qorti".
>
> »Għalhekk il-ministru ma huwiex obbligat li jagħti raġunijiet għar-rifjut *o meno* jew kwalsijasi deċiżjoni meħuda fll-konfront ta' applikazzjoni u l-ebda qorti ma għandha dritt tirrevedi jew tissindika tali deċiżjoni.
>
> »Għalhekk il-ministru ma għandux obbligu li jwieġeb mistoqsijiet intiżi biex jagħti raġuni dwar rifjut *o meno* ta' appliikazzjoni anki fuq il-pedana tax-xhieda.«

33. B'dikriet tas-26 ta' April 2018 il-qorti ċaħdet it-talba "kif magħmula".

---

2 Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija

34. Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2018 xehed Carl Cini, rappreżentant ta' *Nexia BT* iżda l-ministru ma deherx, għalkemm it-talba tiegħu b'rikors tal-25 ta' April 2018 kienet ġiet miċħuda. Il-qorti għamlet dan il-verbal:

> »Il-qorti tirreferi għar-rikors … … … f'isem il-Ministru Carmelo Abela tal-25 t'April 2018 sabiex l-istess ministru jiġi meħlus mill-obbligu li jixhed għar-raġunijiet hemm moghtija.
>
> »Il-qorti tiċħad it-talba kif magħmula b'digriet tas-26 t'April 2018.
>
> »Jirriżulta lill-qorti li fl-istess rikors il-ministru informa lill-qorti li ser ikun imsiefer għas-seduta tallum. Il-qorti tirrileva illi ebda xhud m'għandu l-privileġġ li ma jidhirx il-qorti meta mħarrek u jkun fil-waqt tas-smigħ tax-xhieda li l-qorti tiddeċiedi x-xhud hux obbligat li jirrispondi għad-domandi magħmula.
>
> »It-tieni lok din mhix l-ewwel darba li l-istess xhud għalkemm imħarrek ippreżenta rikors fejn informa lill-qorti li ser ikun imsiefer.
>
> »Il-qorti, filwaqt li tapprezza l-impenji li jkollu ministru fil-kariga tiegħu, titlob lill-istess xhud japprezza illi ordni tal-qorti m'għandhiex tiġi injorata.
>
> »Għalhekk il-qorti qed terġa' tistieden lir-rikorrenti jħarrek lix-xhud għas-seduta li jmiss u f'każ li l-ministru ser ikun imsiefer jinforma lill-qorti bid-dati li ser ikun Malta biex fejn ikun possibbli l-qorti takkomodah.
>
> »Kawża differita għall-4 ta' Ġunju 2018 fit-8.30 *a.m.* sabiex jinstema' l-Ministru Carmelo Abela.«

35. Il-Ministru Abela xehed fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2018 u l-kontro-eżami ġie riservat. Sar dan il-verbal:

> »Il-kawża differita għall-bidu tal-provi tal-konvenuti, u dan wara li l-attur ikun ippreżenta l-aħħar provi tiegħu sal-4 ta' Awwissu 2018 permezz ta' *affidavit* u fejn wara dik id-data l-provi attriċi qed jiġu dikjarati magħluqa, għall-4 ta' Ottubru 2018 fid-08.45 *a.m.*«

36. L-attur ippreżenta *affidavit* tiegħu stess fit-2 ta' Awissu 2018.

37. Fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2018 l-avukat tal-Aġenzija, flok beda jressaq ix-xhieda tagħha kif ried il-verbal tal-4 ta' Ġunju 2018, deher biex "jitlob żmien biex itella' l-provi tiegħu". Il-kawża tħalliet għat-8 ta' Novembru 2018 "għall-provi tal-Aġenzija *Identity Malta*".

38. Fit-8 ta' Novembru 2018 l-istess avukat "talab differiment mhux oppost" għax kien "jinsab impenjat b'urġenza quddiem qorti oħra". Il-kawża tħalliet għall-14 ta' Jannar 2019 "għall-iskop tal-verbal preċedenti".

39. B'mandat tal-4 ta' Jannar 2019 l-Aġenzija ħarrket rappreżentant ta' *BT International Limited* biex jixhed fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2019 u jġib miegħu "*file* u informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' Yuri Sergeevich Danilov u d-*due diligence* li għamlet *BT International Ltd* dwar l-applikazzjoni għaċ-ċittadinanza Maltija".

40. Fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2019 deher u xehed Karl Cini rappreżentant ta' *BT International Limited*. Sar dan il-verbal:

> »Billi l-qorti ma tħossx li t-taħrika hi ċara biżżejjed biex titlob lix-xhud hi stess biex jesebixxi kull dokument li għandu, u billi Dr Pawlu Lia [avukat tal-Aġenzija] baqa' ma deherx, il-qorti ser ikollha tiddiferixxi l-kawża għall-aħħar darba għall-provi kollha tal-Agenzija *Identità Malta* għat-13 ta' Frar 2019 fid-9:15 *a.m.*
>
> »Ix-xhud Karl Cini jobbliga ruħu li jattendi mingħajr il-bżonn li jiġi mħarrek.«

41. Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2019 reġa' xehed Karl Cini. Għalkemm id-differiment kellu jkun "għall-aħħar darba għall-provi kollha tal-Agenzija *Identità Malta*" l-Aġenzija ma ħarrkitx aktar xhieda għal dakinhar u għalhekk il-kawża ġiet differita għall-14 ta' Marzu 2019 "għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenuti".

42. Għas-seduta tal-14 ta' Marzu 2019 l-Aġenzija ma ħarrkitx xhieda, iżda sejħet biex jixhed lill-mandatarju tal-attur li kien preżenti fl-awla. Il-kawża tħalliet għas-6 ta' Mejju 2019 "għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-intimati".

43. Fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019 xehed Jonathan Cardona, imsejjaħ mill-konvenuti, u sar dan il-verbal:

> »Il-qorti f'dan l-istadju ġiet mitluba mid-difensur tal-attur biex tinġieb kopja tal-ittra ta' rifjut mibgħuta lil *Identity Malta* u dan peress li jidher li hemm nuqqas ta' kjarezza fix-xiehda tal-Ministru Abela u tal-Ministru Bonnici.
>
> »Id-difensuri tal-konvenuti jopponu għal din it-talba billi d-dokument hu wieħed intern u privileġġjat.
>
> »Il-qorti tqis li, qabel tippronunzja ruħha, jixhed il-Ministru Bonnici u jikjarifika meta sar Ministru responsabbli mill-Program *IIP* u tirriserva li tipprovdi ulterjorment wara li tisma' lix-xhieda. Il-qorti tordna wkoll lill-Ministru Bonnici qabel jiġi jixhed jivverifika mad-dokumenti tal-aġenzija kienx il-ministru responsabbli minn dan il-każ u jekk ħax hu d-deċiżjoni f'dan il-każ.
>
> »Il-kawza ġiet differita biex jixhed il-Ministru Bonnici u għall-kontinwazzjoni tal-kontro-eżami ta' Jonathan Cardona ghas-6 ta' Ġunju 2019 fit-8.30 *a.m.*«

44. Fis-6 ta' Ġunju 2019 ġie verbalizzat illi "l-Ministru Owen Bonnici jinsab imsiefer u x-xhud Jonathan Cardona ma deherx lanqas", u għalhekk il-kawża tħalliet għat-8 ta' Ottubru 2019 "għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenuti."

45. Fit-8 ta' Ottubru 2019 ġie verbalizzat illi:

> »Meta ssejħet il-kawża dehret biss Dr Abigail Caruana. Il-partijiet l-oħra u d-difensuri tagħhom ma dehrux.
>
> »Billi din il-kawża ilha mis-6 ta' Mejju 2019 ma jsir kważi xejn u lanqas jidher li għal-lum tħarrku xi xhieda mill-aġenzija konvenuta *Identity Malta* li tagħhom hemm il-provi, kawża differita ghall-5 ta' Novembru 2019 fl-10.00 *am* għall-provi kollha li fadlilha *Identity Malta*.
>
> »F'dan l-istadju deher Dr Cedric Mifsud.«

46. Fil-5 ta' Novembru 2019 sar dan il-verbal:

> »Dr Pawlu Lia jinforma lill-qorti li bi żvista ħa differiment żbaljat u ma infurmax lill-Ministru Owen Bonnici biex jitla' jixhed.
>
> »Il-qorti tirreferi għall-verbal tat-8 ta' Ottubru 2019 u tordna li għas-seduta li jmiss il-provi kollha jingħalqu u għalhekk min għandu jitla' jixhed għandu jiġi mħarrek.
>
> »Kawża differita għall-aħħar darba biex jingħalqu l-provi kollha għas-16 ta' Jannar 2020 fl-10.00 *a.m.*«

47. B'mandat tal-5 ta' Novembru 2019 l-Aġenzija ħarrket biss lil Jonathan Cardona, li kien ġà xehed imsejjaħ minnha fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019. Minkejja dak li jgħid il-verbal tal-5 ta' Novembru 2019 il-Ministru Bonnici ma ġiex imħarrek.

48. Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2020 reġa' xehed Jonathan Cardona. Il-ministru, li ma kienx imħarrek, la deher u lanqas xehed. Il-kawża tħalliet għat-3 ta' Marzu 2020 "għall-provi kollha li jista' jkun fadal".

49. Fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2020 l-aġenzija ma ressqitx xhieda iżda l-avukat tagħha ddikjara "li ma fadallux aktar provi". Il-qorti għalhekk wara li tat lill-partijiet żmien biex jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub ħalliet il-kawża għas-sentenza għall-25 ta' Ġunju 2020.

50. B'dikriet tas-6 ta' Marzu 2020 komunikat dakinhar stess lill-partijiet il-qorti qalet li qiegħda "tistieden lid-difensuri tal-partijiet *entro* ġimgħa millum jiddikjaraw jekk is-sentenza hix ser tkun limitata għal din l-eċċezzjoni [*sc.* jekk l-Aġenzija hijiex kontradittur leġittimu] jew għat-talbiet u l-eċċezz-jonijiet kollha tal-kawża". Il-partijiet qablu illi s-sentenza "tkun tikkomprendi t-talbiet u l-eċċezzjonijiet kollha tal-partijiet".

51. Saru sottomissjonijiet bil-miktub mill-attur, li għalihom l-Aġenzija ma weġbitx, u s-sentenza ngħatat kif programmat fil-25 ta' Ġunju 2020. Intlaqgħet l-eċċezzjoni li l-Aġenzija ma hijiex kontradittur leġittimu u, billi l-konvenut l-ieħor kien ġà bis-sentenza tas-7 ta' Lulju 2016 nħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, il-qorti ma kellhiex għalfejn tqis il-meritu tat-talbiet. Fis-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020 il-qorti ddeċidiet ukoll illi "tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż".

52. Kif jidher mir-riassunt tas-seduti miġjub hawn fuq, kien hemm diversi episodji – uħud minnhom ta' importanza relativament minuri, li nistgħu nsejħulhom "tas-soltu", u oħrajn aktar serji – li wasslu jew setgħu wasslu għal ħela ta' ħin u dewmien.

53. Naraw liema kienu dawn l-episodji. Jekk irridu nimxu stettament mar-regoli u ma nippermettu ebda nuqqas jew imġieba laxka, il-qorti forsi setgħet imxiet b'anqas indulġenza mal-partijiet f'dawn l-episodji:

54. L-ewwel episodju nħoloq fil-15 ta' Marzu 2016[3] meta l-konvenuti talbu li jitħallew iressqu eċċezzjoni oħra. Din l-eċċezzjoni – nuqqas tal-ittra ġudizzjarja li jrid l-art. 460 Kod. Proċ. Ċiv. – hija msejsa fuq fatt jew nuqqas ġà magħruf meta l-konvenuti ressqu t-tweġiba maħlufa tagħhom u għalhekk l-ewwel qorti kienet tkun perfettament ġustifikata li kieku ċaħdet it-talba. Leġittimament u forsi wkoll korrettement għażlet li tinqeda bid-diskrezzjoni tagħha li tilqa' t-talba. Forsi li kieku mxiet mod ieħor min għamel dik it-talba kien iħoss li l-qorti kienet severa u inflessibbli wisq miegħu, iżda jibqa' l-fatt illi dan issarraf f'aktar tul ta' żmien.

55. L-istess jingħad għan-nuqqas tal-attur li jippreżenta t-tweġiba tiegħu għal dik it-talba fiż-żmien li ngħatalu[4]. L-istess ġara meta b'rikors tad-9 ta' Frar 2016 l-attur talab aktar żmien biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar materja oħra[5]. Tassew li dawn in-nuqqasijiet kienu żgħar u ma kellhomx konsegwenzi prattiċi u hawn ukoll il-qorti kienet tkun perfettament ġustifikata li kieku ordnat illi t-tweġiba titneħħa mill-inkartament u kieku

3 Para. 14, *supra*

4 *Ibid*.

5 Para. 22, *supra*

ċaħdet it-talba għal aktar żmien, għax fejn tippermetti nuqqas wieħed ikollha tippermetti oħrajn biex timxi ma' kulħadd l-istess, u *molti poco fanno assai*. Hawn ukoll l-attur kien, forsi ġustament, iħoss li l-qorti kienet wisq fiskali li kieku mxiet mod ieħor, iżda hemm bżonn li kulħadd jifhem li meta nistennew li ħaddieħor jimxi bil-*punto e virgola* irridu naraw li l-*punto e virgola* tagħna jkunu f'posthom ukoll.

56. Dan qiegħed jingħad għax spiss jiġri li l-istess partijiet li jilmentaw minn dewmien jibdew jilmentaw li qegħdin jiċċaħħdu minn smigħ xieraq jekk il-qrati jibdew jinsistu magħhom għal ħarsien skrupluż tar-regoli u tat-termini. Iżda jekk jistennew il-kumdità u li ma jkunux magħfusin biex imexxu l-kawżi tagħhom, ma jistgħux imbagħad jilmentaw meta dik il-kumdità tissarraf f'dewmien.

57. Episodju ieħor hu dak meta għalkemm fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2016 il-qorti ħalliet il-kawża għall-10 ta' Jannar 2017 "għall-provi attriċi"[6], l-attur ħarrek xhud wieħed biss għall-10 ta' Jannar 2017, meta kien hemm xhieda oħra li ried jisma'. L-istess hawnhekk: ma jistgħux il-partijiet flok jinqdew bil-ħin li jingħatalhom biex iressqu x-xhieda jagħżlu li jressquhom bil-qatra l-qatra, biex dak li seta' sar f'seduta waħda jkollu jsir f'aktar seduti. L-istess jingħad ukoll għad-drawwa ħażina li daħlet illi l-kontro-eżami ta' xhud jiġi riservat flok isir – kif għandu jkun – dakinhar stess li jixhed, u xhud ikollu jitla' aktar minn darba. Drawwa komda, u jinħoloq skomdu jekk tinbidel, iżda ma nistgħux imbagħad nilmentaw jekk il-kumdità tissarraf f'dewmien.

---

6 Para. 19, *supra*

58. Episodju ieħor huwa dak meta l-attur iżda naqas milli jħarrek xhieda għas-seduta tat-22 ta' Marzu 2017 għax "kien hemm malintiż"[7]. Il-qorti ġustament ikkonċediet seduta oħra għax żball jista' jieħdu kulħadd, iżda jiswa hawn ukoll l-argument magħmul fuq: jew min jiżbalja *imputet sibi* jew nimxu b'komma aktar wiesgħa.

59. Espisodju aktar gravi hu dak meta l-Ministru tal-Ġustizza ma ġiex notifikat bit-taħrika biex jixhed għax ma jeżistix[8]. Il-qorti tistenna mġieba korretta minn kull min jidher quddiemha, iżda aktar u aktar tistenna mġieba korretta minn ministri tal-gvern li għandhom ikunu minn ta' quddiem biex jagħtu eżempju ta' korrettezza u ko-operazzjoni fil-litigazzjoni għax fl-aħħar mill-aħħar id-dmir tagħhom li jgħinu li tinkixef il-verità għandu jegħleb ix-xewqa tagħhom li joħorġu rebbieħa.

60. Li ministru jevadi, jew iħalli lil min f'ismu jevadi, notifika ta' taħrika għax il-karika tal-ministru fuq it-taħrika ma kinitx imniżżla bi preċiżjoni – għalkemm mill-mandat kien jidher ċar biżżejjed min kien il-ministru mħarrek – hija ħaġa li ma tistennihiex mingħand ministru tal-Kabinett.

61. Is-sitwazzjoni kompliet aggravat ruħa meta fit-18 ta' Ottubru 2017 il-Ministru tal-Ġustizzja mħarrek u notifikat ma deherx[9]. Li ministru ma joqgħodx għal ordni tal-qorti mingħajr mank il-korteżija li qabel jitlob li jinħeles milli jidher għax sejjer ikun inevitabilment impenjat fuq xogħol ieħor hija ħaġa li ma għandha qatt tkun, aktar u aktar minn Ministru tal-

7 Para. 23, *supra*

8 Para. 25, *supra*

9 Para. 26, *supra*

Ġustizzja li għandu jżomm dejjem quddiem għajnejh l-impenn tiegħu li jitħares l-istat ta' dritt.

62. Il-kawża għamlet ħafna żmien arenata meta ministru ieħor talab kemm-il darba li ma jitlax jixhed, drabi minnhom għax imsiefer jew maqbud fuq xogħol ieħor[10], darba minnhom bla ma ta raġuni[11], u darba oħra għax deherlu li għandu jedd ma jidhirx meta mħarrek biex jixhed[12]. Din il-qorti tifhem – bħalma fehmet il-qorti li semgħet il-kawża – li ministru jkollu diversi impenji, iżda tistenna li kellu minn jeddu permezz tal-avukat tiegħu jikkomunika mar-reġistratur biex isir ftehim dwar data u ħin meta seta' jattendi l-qorti flok iħalli li jinħela l-ħin kif ġara.

63. Nuqqasijiet oħra kienu dawk tal-avukat tal-Aġenzija meta ħela appuntament għas-smigħ tax-xhieda tal-Aġenzija għax, flok ressaq ix-xhieda, deher biex "jitlob żmien biex itella' l-provi tiegħu"[13]. Reġa' ħela seduta oħra għax kien "jinsab impenjat b'urġenza quddiem qorti oħra"[14]. Imbagħad, meta ħarrek xhud u dan deher, l-istess avukat ma deherx biex jeżamina lix-xhud li kien ħarrek hu stess b'taħrika li, fi kliem l-ewwel qorti, ma kinitx "ċara biżżejjed" u għalhekk ix-xhud kellu jerġa' jitla' darba oħra[15].

---

[10] Para. 29 u 31, *supra*

[11] Para. 34, *supra*

[12] Para. 32, *supra*

[13] Para. 37, *supra*

[14] Para. 38, *supra*

[15] Para. 40, *supra*

64. L-istess avukat ħela seduti oħra meta jew "ħa differiment żbaljat"[16] jew ma ħarrikx ix-xhieda kollha li kellu jħarrek[17].

65. Meta tqis il-volum tax-xhieda fl-atti, ma hemmx dubju illi, likieku l-partijiet ħejjew ruħhom sew, likieku l-ministri li xehdu żammew il-ġieħ tal-uffiċċju għoli tagħhom, u li kieku l-ewwel qorti imponiet aktar dixxiplina, ix-xhieda kollha setgħu nstemgħu f'seduta waħda.

66. Tassew, għalhekk, illi l-kawża setgħet tmexxiet b'aktar ħeffa u nqatgħet fi żmien aqsar, u forsi jkun tajjeb li jingħata "skoss" lid-drawwiet komdi li tħallew jinħolqu fil-mod kif il-partijiet jitħallew imexxu l-kawżi. Wara kollox, jekk kien hemm nuqqas tal-qorti dak in-nuqqas kien biss illi tat lill-partijiet wisq indulġenzi għan-nuqqasijiet tagħhom. Mhux xieraq li l-partijiet, wara illi jingħataw dawn l-indulġenzi għan-nuqqasijiet tagħhom, imbagħad jippretendu li, għad-dewmien konsegwenza ta' dawk in-nuqqasijiet, jingħataw kumpens, għalkemm, biex inkun għidna kollox, fil-każ tallum kien hemm ħafna aktar nuqqasijiet min-naħa tal-konvenuti fil-kawża ċivili milli min-naħa tal-attur.

67. Meqjusa dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-qorti hija tal-fehma illi tassew illi kien hemm ksur tal-jedd tal-attur għal smigħ fi żmien aqsar. Fiċ-ċirkostanzi, iżda, u wkoll fid-dawl ta' dak li ngħad fil-para. 10, *supra*, tal-fatt illi l-kawża ċivili issa hija magħluqa, u tan-nuqqas ta' konsegwenzi gravi fuq l-attur, dikjarazzjoni ta' ksur tkun rimedju biżżejjed.

---

16 Para. 46, *supra*

17 Para. 41, 42, 47 u 48, *supra*

68. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn sabet ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 6 tal-Konvenzjoni u tħassarha fejn ikkundannat lill-Avukat tal-Istat iħallas lill-attur kumpens ta' erbat elef euro (€4,000) u l-imgħaxijiet relativi, u tqis id-dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet bħala rimedju biżżejjed.

69. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu regolati bis-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell iħallashom l-Avukat tal-Istat.

Giannino Caruana Demajo
Aġent President

Tonio Mallia
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr